**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 2 ta' Frar 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**vs**

**Ludwig Bugeja**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet – kif korretti bid-digrieti ta' din il-Qorti tat-13 ta' Marzu 2019 u tal-20 ta' Marzu 2019 - migjuba kontra:

**Ludwig Bugeja** ta' 43 sena, bin Angelo Bugeja u Yvonne xebba Camilleri, imwieled fil-5 ta' Frar 1976, u residenti 21, Triq Joseph Stivala, Paola, detentur tal-karta tal-Identita` 113276M.

Akkuzat talli nhar it-13 ta' Jannar 2019 ghall-habta tal-16:50hrs minn Triq Guze` Damato, Paola:

1. Ikkommetta serq ta' vettura ta' ghamla Isuzu TFR bin-numru ta' registrazzjoni CBC128 u/jew oggetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur u xorta tal-haga misruqa, liema ammont jeccedi elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha

u tletin centezmu (2,329.37) u dan ghad-detriment ta' Wayne Scott Schembri u/jew persuni ohra;

U akkuzat talli nhar il-21 ta' Frar 2019 ghall-habta tas-17:45hrs minn gewwa l-istabbiliment Carters Supermarket, Triq Hal-Luqa Tarxien:-

2. Ikkommetta serq ta' oggetti liema serq huwa aggravat bil-valur liema ammont ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-dannu tal-kumpanija Carter Supermaket (Tarxien) Ltd, u/jew persuni u/jew entitajiet ohra.

U akkuzat ukoll talli nhar il-25 ta' Frar 2019, ghall-habta ta' 17:45hrs minn gewwa l-istabbiliment Carters Supermarket, Triq Hal Luqa, Tarxien:-

3. Ikkommetta serq li jitqies li hu semplici ghad-dannu ta' Chain Supermarket (Tarxien) Ltd, u/jew persuni u/jew entitajiet ohra.

U akkuzat ukoll illi talli nhar l-20 ta' Frar 2019, ghall-habta ta' 13:22hrs minn gewwa l-istabiliment The Perfect House, Triq il-Kappillan Mifsud, Santa Venera:

4. irrenda ruhu komplici f'serq, liema serq jitqies li hu semplici ghad-dannu ta' Zeng Chunlian, u/jew persuni u/jew entitajiet ohra.

Il-Qorti giet mitluba li titratta lill-imputat bhala recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta, meta hu kien gie misjub hati u ikkundannat ghal reati, b'sentenza ta' reati Maltin, liema sentenzi saru defenittivi.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

2. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

3. Rat in-nota tar-rinviju tal-gudizzju tal-Avukat Generali tas-26 ta' Lulju 2019, fejn deherlu li tista' tinstab htija taht dak li hemm mahsub:

(i) fl-Artikoli 261(c)(g), 267, 271(g), 279(b) u 280(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(ii) fl-Artikoli 261(c), 267 u 279(a) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(iii) fl-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(iv) fl-Artikoli 17, 31, 49, 50, 289, 532A u 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Rat li l-imputat iddikjara li ma kellhux oggezzjoni li dawn il-proceduri kontra tieghu jitkomplew quddiem din il-Qorti bil-procedura sommarja.

5. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u d-difiza.

**Il-Fatti**

6. Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma in succint is-segwenti:

(i) Fis-27 ta' Frar 2019, Pierre Mallia fil-kapacita tieghu ta' manager ta' Carters Supermarket ta' Hal-Tarxien irraporta l-Ghassa tal-Pulizija li fil-21 ta' Frar 2019 ghall-habta tas-sitta neqsin kwart ta' fil-ghaxija (5.45pm) insterqu sbatax(17)-il xafra tad-ditta Gilette u tlett (3) razor blades tal-istess ditta li l-ammont taghhom jeccedi €300. Huwa kompla jghid li fil-25 ta' Frar 2019 l-istess persuna li serqet dawn l-affarijiet, serqet ukoll mill-istess Supermarket hames (5) body groomers tad-ditta Braun li jammontaw ghal izjed minn mitt Euro.

(ii) Pierre Mallia ta lill-Pulizija l-filmati tac-CCTV cameras gol-Carters Supermarket li juri lil din il-persuna tisraq l-affarijiet fiz-zewg dati differenti. Minn dawn il-filmati l-Pulizija waslu ghal konkluzjoni li l-persuna li tidher qed tisraq fil-filmati huwa l-imputat, ghax hu maghruf mal-pulizija, u kellu diversi kazijiet ohra l-Qorti.

(iii) Fl-1 ta' Marzu 2019, Pierre Mallia informa lill-Pulizija li hu kien ra lir-ragel li jidher fil-filmati tas-serq fil-Chain Supermarket tal-Fgura. Peress li gharfu, huwa flimkien ma xi persuni ohra zammewh milli johrog, u talbu lill-Pulizija biex imorru fuq il-post biex jarrestawh, kif fil-fatt ghamlu. Irrizulta li r-ragel li giet mizmuma minn Pierre Mallia kienet l-imputat, li gie arrestat.

(iv) Il-Pulizija ghamlet tfittxija fir-residenza tal-imputat fejn gew elevati diversi affarijiet, inkluza gakketta bajda li tidher fil-filmat tas-serqa tal-21 ta' Frar 2019.

(v) Minn din il-gakketta l-bajda, il-Pulizija irrealizzat li l-imputat kien involut ukoll f'serq ta' vettura, u cioe vann tal-ghamla Isuzu, bin-numru ta' registrazzjoni CBC 128, li sehh fit-13 ta' Jannar 2019. Il-vettura tappartjeni lil Wayne Scott Schembri. Din is-serqa kienet qed tigi investigata ukoll mill-ispettur Sarah Zerafa. Dan is-serq sar minn quddiem il-Bank of Valletta fi Triq Guze D'Amato Paola. Mill-filmati li l-Pulizija kienet gabet mill-Bank of Valletta, tidher persuna b'gakketta bajda simili hafna ghal dik li tidher fil-filmati tal-Carters Supermarket tidhol go din il-vettura, u titlaq issuq biha. Fl-opinjoni tal-Pulizija, din il-persuna kellha l-istess statura tal-imputat u kienet mixja bl-istess mod partikolari li jimxi bih l-imputat.

(vi) L-ghada li nsterqet din il-vettura, u cioe fl-14 ta' Jannar 2019, sid il-vettura informa lill-Pulizija li sab il-vettura ipparkjata fil-park and ride tal-Marsa. Sakemm kien qed jistenna li jaslu l-Pulizija tal-forensika fuq il-post, giet persuna u dahlet fil-vettura u telqet biha.

(vii) Il-Pulizija analizzat il-filmati tac-CCTV cameras tad-Detox Centre, tal-Pieta fid-data tat-13 ta' Jannar 2019 – cioe d-data tas-serqa tal-vann Isuzu – u f'din id-data jidher l-imputat bl-istess gakketta bajda diehel f'vann tal-istess ghamla u kulur abjad, bhal vann il-misruq.

(viii) Waqt it-tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat, il-Pulizija sabet karti tal-identita ta' certu Roberta Ciangura u Charlot Calleja, li huma wkoll imfittxija mill-Pulizija fuq rapporti ta' serq. In oltre, waqt din it-tfittxija, il-karozza tal-imputat, Peugeot hadra irregistrata fuqu ma kinietx ipparkjata hdejn ir-

residenza, u l-imputat qalilhom li ma jafx fejn huma c-cwievet taghha u lanqas kien jaf fejnhom ic-cwievet tar-residenza tieghu. Pero wara li l-imputat tressaq il-Qorti, mixli bl-ewwel tlett imputazzjonijiet, il-Pulizija regghu marru mal-imputat fir-residenza tieghu, u din id-darba l-karozza kienet ipparkjata hdejn ir-residenza, u meta dahlu fir-residenza sabu l-affarijiet gewwa differenti minn kif hallewhom fit-tfittxija precedenti. Kien hemm ukoll ic-cavetta tar-residenza u tal-karozza u kien jidher li xi hadd kiel hemm gew. In oltre fir-residenza tal-imputat, il-Pulizija sabet hwejjeg ohra li jappartjenu lil Charlot Calleja u Roberta Ciangura, u dawn il-hwejjeg gew identifikati ghaliex huma relatati ma' serqa ohra li saret go hanut il-Hamrun fl-20 ta' Frar 2019, u jidhru fil-filmat tac-CCTV tal-hanut dak in-nhar li saret is-serqa.

(ix) Minn investigazzjoni ulterjuri irrizulta lill-Pulizija li fl-20 ta' Frar 2019 ghall-habta tas-1.20pm, ragel u mara dahlu fil-hanut, The Perfect House, Triq il-Kappillan Mifsud, Santa Venera. Mill-filmati tac-CCTV jirrizulta li dan ir-ragel kien liebes gakketta blu, fil-waqt li l-mara kienet liebsa gakketta hamra. In oltre mic-CCTV irrizulta lill-Pulizija li ftit tal-hin warajhom dahal l-imputat liebes l-istess gakketta bajda li tidher fil-filmati l-ohra fuq imsemmija u miexi bil-krozzi. L-imputat beda jitkellem ma' sid il-hanut Zeng Chian Lian dwar xi prodotti li kellha ghal bejgh. F'hin minnhom sid il-hanut innutat li r-ragel u l-mara li dahlu qabel kienu qed jisirqu xi affarijiet. Hi ikkonfrontathom u dawn hargu mill-hanut. Hi baqghet issegwihom sakemm dahlu f'karozza Peugeot hadra, bin-numru ta' registrazzjoni DBG 314, u bdiet titlob ituha lura l-affarijiet li serqu. Habiba taghha ta' nazzjonalita Ciniza wkoll li kienet fil-hanut, hadet ritratt ta' dak il-hin tal-karozza u ta' sid il-hanut qed tkellem lil din il-koppja fil-karozza.

(x) Il-gakketta blu u l-gakketta hamra simili hafna ghal dawk li kienu libsin ir-ragel u l-mara f'din is-serqa instabu fit-tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat fl-1 ta' Marzu 2019.

(xi) Il-vettura Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni DBG 314 li intuzat f'din is-serqa hija registrata fuq isem l-imputat.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

*It-Tieni u t-Tielet Imputazzjonijiet – Serq minn Carters Supermarket Tarxien*

7. Il-Qorti hija tal-opinjoni li ghal fini ta' logika ikun opportun li tikkunsidra it-tieni u t-tielet imputazzjoni qabel ma tikkunsidra l-ewwel imputazzjoni.

8. Mix-xhieda ta' Pierre Mallia, mill-filmati tac-CCTV ezebiti minnu u r-rapport tal-espert Jonathan Mizzi dwar dawn iz-zewg filmati[1], jirrizulta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-ragun li l-imputat huwa l-persuna li tidher qed tisraq oggeti mill-Carters Supermarket fil-21 ta' Frar 2019 u fil-25 ta' Frar 2019. L-imputat, ghalkemm liebes hwejjeg differenti fiz-zewg dati, jidher car fiz-zewg filmati. Fil-fatt l-imputat gie rikonoxxut minn persuna ingaggata minn Carters Supermarket biex jara l-filmati meta l-imputat mar fic-Chains Supermarket tal-Fgura, u dan cempel lil Pierre Mallia, li mar fis-Supermarket tal-Fgura, u gharfu ukoll u kien ghalhekk li arresta lill-imputat civilment.

9. In oltre, il-Prosekuzzjoni esebit f'dawn il-proceduri l-gakketta bajda li kien liebes l-imputat fil-filmat tal-21 ta' Frar 2019, il-gakketta bil-kuluri blu, abjad u ahmar li kien liebes fil-filmat tal-25 ta' Frar 2019 u qalziet tat-tracksuit iswed li kien liebes fiz-zewg filmati. Dawn il-hwejjeg instabu fir-residenza tieghu. Meta gie arrestat l-imputat kien liebes l-istess slipper li jidher bih fiz-zewg filmati, liema slipper tnehha minn fuqu u gie ukoll ipprezentat f'dawn il-proceduri. Il-prosekuzzjoni esebiet ukoll ritratti ta' dawn il-hwejjeg.

10. Apparti l-filmati infushom, fir-rapport tieghu Jonathan Mizzi jaghti deskrizzjoni dettaljata ta' kif l-imputat kien qed jisraq l-affarijiet fiz-zewg dati, kif jirrizulta mill-istess filmati. Mix-xhieda ta' Pierre Mallia jirrizulta li l-oggetti misruqa kienu xfafar tad-ditta Gillette u body groomers tad-ditta Braun. Il-Prosekuzzjoni esebiet ukoll numru ta' kaxxi ta' xfafar u body groomers li nstabu vojta f'dan is-Supermarket.

[1] Ara Dok. JM4 a fol. 225 tal-process.

11. Mix-xhieda ta' Pierre Mallia[2] jirrizulta li fil-21 ta' Frar 2019, l-imputat seraq ghoxrin (20) pakkett xfafar tad-ditta Gilette li jammontaw ghal €337. Dawn seraqhom, billi qatta' l-kaxxi li fih kienu ippakkjati b'xafra, u seraq il-kontenut taghhom, kif jirrizulta wkoll mic-CCTV footage. Fil-25 ta' Frar 2019, l-imputat ha hames magni tax-xaghar (body groomers), billi qatta' l-kaxxi b'xafra u ha l-kontenut taghhom. Il-valur ta' dawn il-magni huwa ta' €180.

12. Id-difiza tissottometti li x-xhud Pierre Mallia mhux kredibbli ghax ghamel ir-rapport tieghu sitt ijiem wara l-ewwel serqa, meta ammetta li kien gie infurmat li kien hemm ragel qed jisraq l-affarijiet. Pero fix-xhieda tieghu Mallia jispjega li hu qaghad jara CCTV's qabel wasal ghal konkluzjoni li dan ir-ragel qieghed jisraq. Il-Qorti ma tara xejn stramb li manager ta' supermarket jkun prudenti qabel jaghmel allegazzjoni fuq klijent li jissuspetta lijisraq mill-hanut, u li l-ewwel jaccerta ruhu sew mill-fattii – kif fil-fatt ghamel Mallia billi qaghad janalizza l-filmati tac-CCTV's qabel ghamel rapport lill-Pulizija.

13. Id-difiza targumenta wkoll li ma nstabu l-ebda oggetti misrqua fuq il-persuna tal-imputat. Ghalkemm bhala fatt dan huwa minnu, pero mill-filmati tac-CCTV, kemm dak tal-21 ta' Frar kif ukoll dak tal-25 ta' Frar 2019, jirrizulta ampjament li l-persuna li qieghda tisraq hija fil-fatt l-imputat, apparti li l-hwejjeg li jidher liebes fiz-zewg dati, instabu fir-residenza tieghu. Il-Qorti tirrileva wkoll li l-mixja tal-imputat hija partikolari, ghax mill-provi irrizulta li jbati minn kundizzjoni medika, u fil-fatt xi kultant ikollu bzonn jimxi bil-krozzi.

14. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, il-Qorti hija tal-opinjoni li t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet gew debitament ippruvati sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

*L-Ewwel Imputazzjoni – Serq ta' Vettura*

15. Mill-investigazzjoni taz-zewg serqiet li saru fil-Carters Supermarket, il-Pulizija identifikat li l-imputat kien l-istess persuna li ikkommetta serq ta' vann ta' kulur abjad

[2] Ara fol. 65 *et seq.* tal-process.

bin-numru ta' registrazzjoni CBC 128 waqt li dan il-vann kien ipparkjat quddiem il-Bank of Valletta fi Triq Guze D'Amato Paola. Din is-serqa tal-van sehhet fit-13 ta' Jannar 2019, u cioe qabel iz-zewg serqiet fil-Carters Supermarket.

16. Ghalkemm mill-filmat tac-CCTV[3], wicc il-persuna li serqet din il-vettura ma jidhirx car peress li kien liebes hoodie, din il-persuna kienet liebsa gakketta bajda simili hafna ghal gakketta li kien liebes l-imputat meta seraq mill-Carters Supermarket fl-21 ta' Frar 2019. L-istatura ta' din il-persuna hija l-istess bhal dik tal-imputat.

17. Fix-xhieda tieghu, sid il-vann, Wayne Scott Schembri jispjega kif l-ghada li nsteraq il-vann, u cioe fl-14 ta' Jannar 2019, kien ra l-vann tieghu ipparkjat gewwa l-Park and Ride tal-Marsa. Sakemm qed jistenna lill-Pulizija tal-forensika tigi fuq il-post, gie ragel liebes gakketta bajda u skufja sewda, dahal gol-vann, saq bih u telaq. Scott Schembri xehed ukoll li dan ir-ragel kien mixi bil-krozzi, u kif wasal vicin il-vann qabad il-krozzi f'idu u gera biex dahal fil-vann.[4]

18. In oltre mill-filmati tac-CCTV hdejn id-Detox Centre[5] fil-Pieta tat-13 ta' Jannar 2019 – dak in-nhar li nsteraq il-vann - jidher l-imputat liebes l-istess gakketta bajda u skufja griza bil-linji suwed u bojod, li jidher liebes fis-serq mill-Carters Supermarket hiereg flimkien ma' ragel iehor mid-Detox Centre. Mhux kontestat li l-imputat huwa tossikodipendenti. Mill-filmati jidher li ftit minuti qabel l-imputat waqaf hdejn vann pickup abjad simili hafna ghal dak misruq lil Scott Schembri u waqaf hdejn il-bieba tax-xufier. Wara li l-imputat hareg mid-Detox Centre huwa jidher diehel flimkien mar-ragel l-iehor fil-vann abjad.

19. Huwa vera li kif irrilevat id-difiza li waqt ix-xhieda tieghu, Wayne Scott Schembri f'okkazzjoni minnhom elenka n-numru tar-registrazzjoni tal-van tieghu erronjament, pero f'parti ohra tax-xhieda tieghu huwa elenka n-numru ta' registrazzjoni tal-vann b'mod korrett. Dan l-izball certament ma jaghmilx lil Wayne Scott Schembri xhud mhux kredibbli. In-numru ta' registrazzjoni tal-vettura huwa elenkat korrettament ukoll

---

[3] Ara r-rapport tal-espert Jonathan Mizzi esebit bhala Dok JM4 a fol. 225 tal-process.
[4] Ara fol. 74 u 75 tal-process.
[5] Ara rapport tal-espert Jonathan Mizzi esebit bhala Dok JM 3 a fol. 213 tal-process.

fir-rapport li Scott Schembri ghamel lill-Pulizija dak-in-nhar stess li nsterqet il-vettura,[6] liema rapport gie konfermat bil-gurament minn PS 192 Ramon Godano.[7]

20. In oltre, kuntrarjament ghal dak li ssottomettiet id-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, il-Prosekuzzjoni tellghet bhala xhud lil rapprezentat tal-Awtorita tat-Transport f'Malta, Karen Cremona,[8] li xehdet li fit-13 ta' Jannar 2019 (dak in-nhar tas-serqa tal-vettura CBC-128), din l-istess vettura kienet registrata fuq Wayne Schembri, u esebiet id-dokumenti relattivi.

21. Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija sodisfatta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-provi indizzjarji huma univoci u jippuntaw kollha lejn direzzjoni wahda, u cioe li kien l-imputat li seraq il-vann ta' Wayne Scott Schembri.

22. L-espert mahtur minn din il-Qorti, l-Inginier Jean Paul Azzopardi stima l-vettura misruqa bejn €3,500 u €4,500. Id-difiza tattaka din il-valutazzjoni ghaliex l-espert ma spezzjonax il-vettura fizikament, pero ibbaza l-valutazzjoni tieghu fuq ir-ritratti u l-filmati taghha fic-CCTV. Irid jinghad li din il-vettura qatt ma nstabet mill-Pulizija, u ghalhekk kien fizikament impossibli li din tigi esebita formalment in atti mill-Prosekuzzjoni u li l-espert Inginier jaraha fizikament. Huwa inkorrett li jinghad li l-Inginier Azzopardi ibbaza l-valutazzjoni tieghu fuq ir-ritratti u l-filmati biss. Kif jghid huwa stess kemm fix-xhieda kif ukoll fir-rapport tieghu,[9] huwa ibbaza l-valutazzjoni tieghu ukoll fuq id-dettalji teknici dwar il-vettura mid-dokumenti esebiti fil-process mir-rapprezentant ta' Transport Malta, u talab ukoll lill-istess rapprezentant tindika l-kilometri li kellha l-vettura in kwistjoni, u gie infurmat li mid-database ta' Transport Malta kien jirrizulta li sal-11 ta' Gunju 2018, il-vettura kellha 328,531 kilometri. Kien ghal din ir-raguni li hu ta' indikazzjoni tal-minimu u l-massimu tal-valur tal-vettura, u ma indikax valur wiehed.

23. Ghalkemm huwa vera li l-Prosekuzzjoni ghandha dejjem tipprova tressaq l-ahjar prova, il-Kodici Kriminali imkien ma jghid li t-tieni l-ahjar prova hija inammessibbli, jekk ma kienx possibli li titressaq l-ahjar prova.

---

[6] Ara Dok SZ7 a fol. 43 tal-process.
[7] Ara fol. 316.
[8] Ara fol. 262 tal-process.
[9] Ara fol. 302 *et seq.* tal-process.

24. Ghalhekk, ir-relazzjoni tal-Inginier ma hix ibbazata fuq assunzjonijiet, imma fuq il-fatti kif jirrizultaw mill-atti u l-informazzjoni rigward il-vettura li irnexxielu jottjeni. Pero, il-Qorti se tati l-beneficcju tad-dubbju lill-imputat, u ghaldaqstant ghal fini ta’ piena se tiehu in konsiderazzjoni l-valur tal-vettura l-iktar baxx fis-suq stabbilit mill-espert – u cioe dak ta’ €3,500.

*Ir-Raba’ Imputazzjoni – Komplicita f’Serq mill-Hanut ‘The Perfect Shop’*

25. L-imputat huwa mixli wkoll li fl-20 ta’ Frar 2019 kien komplici f’serqa li sehhet mill-hanut ‘The Perfect Shop’, il-Hamrun. Mill-filmati tac-CCTV li kien hemm gol-hanut,[10] jidher l-imputat liebes l-istess gakketta bajda, li jidher liebes fil-filmati imsemmija qabel, diehel fil-hanut u jitkellem ma’ sid il-hanut, Zeng Chun Lian

26. Fl-istqarrija tieghu,[11] l-imputat ammetta li r-ragel bil-gakketta bajda fil-filmat huwa hu, pero jghid li ma kien qed jaghmel xejn, hlief jara l-affarijiet. Fl-istess stqarrija huwa jghid li mar f’dan il-hanut bil-karozza tal-linja, pero ma jiftakarx il-lokalita ta’ dan il-hanut, u lanqas fejn qieghed. Huwa jghid li dahal fil-hanut biex jara xi haga, u ma dahalx bl-intenzjoni li jixtri. Mistoqsi jekk jafx lill-mara u r-ragel li jidhru fil-filmat fil-hanut fl-istess hin li kien hemm hu, l-imputat wiegeb li ma ghandux idea min huma.

27. Mill-filmati tac-CCTV, jirrizulta car li waqt li l-imputat kien qed jitkellem ma’ sid il-hanut, kien hemm prezenti wkoll fl-istess hanut, mara u ragel li dahlu ftit minuti qablu fil-hanut, u li kienu qed jisirqu affarijiet mill-hanut, billi l-mara tpoggi l-affarijiet fil-basket li kellha, fil-waqt li r-ragel ipoggihom gol-but tal-qalziet tieghu, u jghattihom bil-gakketta.

28. Ir-ragel kien liebes gakketta blu, fil-waqt li l-mara kienet liebsa gakketta hamra. Gkieket simili hafna ghal dawn il-gkieket li jidhru fil-filmati instabu fir-residenza tal-

[10] Ara rapport tal-espert Jonathan Mizzi esebit bhala Dok JM 5 a fol. 235 tal-process.
[11] Ara fol. 109 *et seq.* tal-process.

imputat. Il-Pulizija identifikat lir-ragel u lil mara bhala Charlot Calleja u Roberta Ciangura, u l-karta tal-identita taghhom instabet ukoll fir-residenza tal-imputat.

29. Meta Zeng Chun Lian indunat li r-ragel u l-mara kienu qed jisirqu afffarijiet mill-hanut, hija marret biex tkellimhom, imma huma telqu jigru il-barra, u hija baqghet issegwihom sakemm rathom jirkbu go karozza Peugeot hadra. Hija talbithom jirritornaw lura l-affarijiet li serqu. Ir-ragel qalilha li l-unika haga li serqu kienet stereo li tahulha lura.

30. Habiba ta' Zeng Chun Lian, li inzertat ukoll fil-hanut, harget tigri warajhom u hadet ritratt tal-vettura li l-koppja dahlu fiha. Dan ir-ritratt li gie esebit fl-atti processwali,[12] li juri li l-vettura hija tal-ghamla Peugeot 306 ta' kulur ahdar bin-numru ta' registrazzjoni DBG-314. Il-habiba ta' Zeng Chun Lian kienet Malta biss ghal vaganza, u lahqet telqet minn Malta qabel il-Prosekuzzjoni setghet tharrikha biex tikkonferma r-ritratt bil-gurament. Pero, fix-xhieda taghha Zeng Chun Lian ikkonfermat li r-ritratt juri l-karozza li fiha dahlu l-koppja li kienu serqu mill-hanut, kif ukoll gharfet lilha innfisha fl-istess ritratt.[13]

31. Ir-rapprezentant ta' Transport Malta, Karen Cremona, ikkonfermat li fl-20 ta' Frar 2019, il-vettura Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni DBG-314 kienet registrata f'isem l-imputat, u kienet ilha hekk registrata mis-6 ta' Frar 2019.[14]

32. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, id-difiza tirrileva li l-parti leza ma intavolatx rapport lill-Pulizija dwar din is-serqa. Ghalkemm huwa vera li Zeng Chun Lian ma ghamlitx rapport di sua sponte lill-Pulizija, jirrizulta mix-xhieda taghha stess li l-Pulizija saret taf dwar din is-serqa, u kellmitha ftit granet wara biex tispjega x'gara. Il-fatt li l-parti leza ma intavalotx immedjatament rapport lill-Pulizija huwa irrilevanti ghaliex il-prosekuzzjoni ghal reat ta' serq, anke jekk wiehed semplici, ma jehtiegx il-kwerela tal-parti leza. Fi kwalunkwe kaz, il-parti leza sussegwentement u qabel gew institwiti dawn il-proceduri ghamlet rapport lill-Pulizija, li gie esebit fl-atti ta' dawn il-proceduri.[15] Kuntrarjament ghal dak li ppruvat tinsinwa d-difiza u ghal fini ta' kjarifika,

[12] Ara Dok. SZ 27 a fol. 107 tal-process.
[13] Ara fol. 118 -119 tal-process.
[14] Ara fol. 262 tal-process.
[15] Ara fol. 98 tal-process.

Zeng Chun Lian ma ntavolatx rapport ghax bezghet li jekk taghmel dan, dawk li serquha, ipattuhielha, u dan kif jinghad fl-istess rapport lill-Pulizija, u kif xehdet Zeng Chun Lian f'dawn il-proceduri.

33. Id-difiza tghid ukoll li l-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova fuq min hi registrata l-vettura li tidher fir-ritratt li ittiehed mill-habiba ta' Zeng Chun Lian. Apparti l-fatt li fin-nota ta' sottomissjonijiet, id-difiza tghid li f'dan ir-ritratt *"tidher il-vettura tal-imputat",*[16] din l-allegazzjoni hija fattwalment inkorretta, ghaliex kif diga inghad, il-Prosekuzzjoni ressqet bhala xhud lil raprezentant ta' Transport Malta, li ikkonfermat li l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni li jidher f'dan ir-ritratt kienet registrata f'isem l-imputat, fid-data li fiha sehhet is-serqa.

34. Id-difiza tghid ukoll li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx bhala xhud lil persuna li hadet ir-ritratt biex tikkonferma l-awtenticita tar-ritratt u telenka l-fatti li graw. Kwistjoni simili ghal dik odjerna giet deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[17] fil-15 t'Ottubru 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Sant**. F'dan il-kaz, l-appellant kien ikkontenda li l-Ewwel Qorti missha sfilzat DVD ghax gie mghoddi lill-Pulizija minghajr ma ttella' jixhed min gibed l-istess video. Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma qablitx ma' din is-sottomissjonijiet u qalet hekk:

*"Din il-Qorti, pero`, ma taqbilx ma' l-appellant li dan id-dokument kellu jigi dikjarat inammissibbli. Wiehed irid jiddistingwi bejn l-ammissibilita` ta' dokument u l-valur probatorju li jista' jinghata lil tali dokument. Ghalkemm huwa dejjem desiderabbli li meta jigi ezibit dokument li jkun irregistra xi xena jew diskors – film, video clip, tape recording u registrazzjonijiet ohra simili – jittella' jixhed xi hadd li jkun jista' jikkonferma kif u taht liema cirkostanza saret dik ir-registrazzjoni, tali konferma ma hix pre-rekwizit ghall-ammissibilita` tad-dokument. Bizzejjed wiehed jiehu l-kaz ta' meta, waqt xi perkwisizzjoni, jinstab ritratt jew filmat li jkun juri lil xi hadd qed jaghmel xi haga li tkun relevanti ghall-meritu tal-kaz; il-persuna li tkun hadet dak ir-ritratt jew gibdet il-filmat tista' ma tkunx rintraccabbli (tista' anke tkun l-istess imputat li naturalment, bhalma ghandu kull dritt, jibqa' sieket meta mistoqsi dwar dak l-oggett), izda b'daqshekk ma jfissirx li dak id-dokument ma jkunx ammissibbli. In-nuqqas ta'*

[16] Ara fol. 426 tal-process.
[17] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano.

*produzzjoni ta' min ha r-ritratt jew gibed il-filmat (jew irregistra l-konversazzjoni) jista', skond ic-cirkostanzi, jincidi fuq kemm dak li juri dak id-dokument huwa minnu – ghalhekk il-valur probatorju. Jista' jkollok ukoll sitwazzjonijiet fejn il-persuna li tkun hadet ir-ritratt jew filmat, jew li rregistrat il-konversazzjoni, tkun talbet li tibqa' anonima. Hekk per ezempju, jista' jkollok filmat li juri lil xi hadd qed jaghmel xi haga – l-azzjoni tkun cara izda ma jkunx jista' jigi identifikat min qed jaghmel dik l-azzjoni, cioe` jekk hux l-imputat jew persuna ohra. Min ikun ha dak il-filmat ikun possibilment jista' jidentifika lill-imputat; jekk jibqa' ma jidentifikahx ghax ma jittellax jixhed, il-prosekuzzjoni tkun naqset milli tipprova li l-azzjoni hemm murija tkun saret mill-imputat. Kwistjoni simili kienet giet deciza mill-Qorti Kriminali fl-14 ta' Dicembru 1998 fis-sentenza (preliminari) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja**[18] u in segwitu konfermata fuq dan il-punt minn din il-Qorti kollegjalment komposta[19]. Il-kwistjoni kienet tirrigwarda l-ammissibilita` ta' registrazzjoni ta' konversazzjonijiet telefonici li allegatament kienu saru bejn l-akkuzat u xhud tal-prosekuzzjoni. Dik il-Qorti kienet iddikjarat il-casette tape relattiv ammissibbli minkejja li l-pulizija kienet naqset, anzi rrifjutat, li tghid min irregistraha u kif dik ir-registrazzjoni kienet saret. Il-Qorti Kriminali f'dak il-kaz kienet ghamlet referenza ghall-insenjament ta' Lord Chief Justice Goddard fil-kaz **Kuruma, son of Kaniu v. The Queen**[20] fejn a pagna 203 jinghad hekk: **"…the test to be applied in considering whether evidence is admissible is whether it is relevant to the matters in issue. If it is, it is admissible, and the court is not concerned with how the evidence was obtained. While the proposition may not have been stated in so many words in any English case there are decisions which support it, and in their Lordship's opinion it is plainly right in principle."** Ghalkemm dan intqal fil-kuntest ta' allegazzjoni li l-prova kienet inkisbet b'mod illegali, il-principju jibqa' li t-test huwa dak <u>tar-relevanza</u>: jekk il-filmat jew ritratti jew registrazzjoni hu jew jista' jkun relevanti – jigifieri mhux manifestament irrelevanti – allura, fin-nuqqas ta' xi exclusionary rule of evidence dak id-dokument hu ammissibbli, salv dejjem kif inghad il-kwistjoni tal-valur probatorju. Mill-banda l-ohra, jekk ir-relevanza tad-dokument ma tkunx tista' tigi stabbilita mill-istess filmat jew ritratt jew registrazzjoni, allura, fin-nuqqas ta' xi xhud li jkun jista' jistabilixxi dik ir-rilevanza, il-*

---

[18] *Att ta' Akkuza numru 20/97.*
[19] *Ara s-sentenza ta' din il-Qorti fil-kompetenza taghha superjuri, u fl-istess ismijiet, tat-3 ta' Mejju 2000.*
[20] [1955] AC 197.

*Qorti tista' tasal għall-konkluzzjoni li dak l-istess dokument hu manifestament irrelevanti u allura anqas biss tqisu."* (enfasi ta' dik il-Qorti)

35. Fil-*footnote* numru 7 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkwotat b'approvazzjoni is-segwenti bran minn **Blackstone's Criminal Practice**: ***"A photograph (or film) the relevance of which can be established by the testimony of someone with personal knowledge of the circumstances in which it was taken (or made), may also be admitted to prove the commission of an offence and the identity of the offender."*** [21] (enfasi ta' dik il-Qorti)

36. Issa kif diga inghad Zeng Chun Lian ikkonfermat bil-gurament taghha f'dawn il-proceduri li r-ritratt in kwistjoni huwa tal-vettura li fiha dahlet il-koppja li kienet serqet mill-hanut taghha, u gharfet ukoll lilha infisha fl-istess ritratt qed titkellem mit-tieqa tal-vettura mal-koppja.

37. Huwa vera li l-Prosekuzzjoni ma tellghetx tixhed lil persuna li hadet ir-ritratt. Pero dan ma sarx b'negligenza imma ghaliex il-persuna li hadet ir-ritratt lahqet telqet minn Malta u ma jidhirx li seta' jsir kuntatt maghha biex tixhed. Fi kwalunkwe kaz ladarba Zeng Chun Lian ikkonfermat l-veracita tar-ritratt u spjegat ic-cirkostanzi li fih ittiehdet, ghax kienet involuta fihom personalment, lanqas kien necessarju li min ha r-ritratt jikkonfermah bil-gurament.

38. Ghaldaqstant, dan ir-ritratt mhux biss huwa ammissibbli skond il-ligi, pero huwa rilevantissimu u ghandu valur probatorju kbir ghall-kwistjoni jekk l-imputat hux hati tar-raba' imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

39. Mill-kunsiderazzjonijiet fuq esposti, din il-Qorti hija sodisfatta lill'hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, li l-imputat kien komplici tal-koppja li esegwiet dan is-serq, billi huwa dahal fil-hanut bl-iskop li jaljena lil sid il-hanut bid-diskors, sabiex din il-koppja jkollha iktar opportunita sabiex tisraq oggetti mill-hanut. L-ispejgazzjoni li ta fl-istqarrija tieghu, li hu dahal f'dan il-hanut biex jara u mhux biex jixtri, meta lanqas jaf fejn kien

[21] *Blackstone's Criminal Practice – 2004 (OUP), para. F8.36, pagna 2145.*

il-hanut, mhix kredibbli.  Dan iktar u iktar meta fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li hu mar f'dan il-hanut bil-karozza tal-linja, meta mill-provi jirrizulta li l-vettura tieghu kienet ftit metri il-boghod mill-hanut, u li l-koppja li kkommettiet is-serqa dahlet go din il-vettura u saqet biha wara li ikkomettiet is-serq.  Din il-Qorti m'ghandhix dubbju li din il-koppja uzat il-vettura tal-imputat f'din is-serqa, bil-konsapevolazza u l-awtorizzazzjoni tal-imputat.  Il-fatt li l-gkieket li kienu libsin din il-kopja instabu fir-residenza tal-imputat, flimkien mal-karti tal-identita tal-mara u r-ragel in kwistjoni, li l-Pulizija identifikat min kienu, ikompli jikkonferma l-komplicita tal-imputat f'dan is-serq.

40. Rigward l-ammont tal-valur tal-oggetti misruqa, Zeng Chun Lian ma setghetx tistabilixxi dan bi precizjoni.  Hija qalet li sabet nieqsa madwar disa' (9) jew ghaxar (10) speakers (li jiswew €10-il wiehed),  numru li ma setghetx tiddetermina ta' stereos (li jiswew €39-il wiehed), radio tal-karozza (li jiswa €39) u numru indeterminat ta' shaving creams (li jiswew €8-il wiehed).  Il-Qorti sejra tati l-beneficcju tad-dubbju lill-imputat, u ghaldaqstant bhala valur se tiehu biss il-valur tal-minimu tal-oggetti li gew misruqa, u cioe disa' (9) speakers, ir-radio tal-karozza, stereo wiehed u shaving cream wiehed, li b'kollox jammontaw ghas-somma ta' €176.

<u>*L-Addibitu tar-Recidiva*</u>

41. L-addebitu tar-recidiva gie debitament ippruvat mill-Prosekuzzjoni permezz ta' numru ta' sentenzi decizi minn dawn il-Qrati kontra l-imputat li gew esebiti f'dawn il-proceduri.

42. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha id-difiza ma taghmilx riferenza ghall-addebitu tar-recidiva, pero tissottometti li din il-Qorti *"m'ghandhix ghalfejn tikkunsidra jekk l-imputat kisirx kundizzjoni imposta fuqu permezz ta' sentenza precedenti u dan tenut kont tal-fatt tal-liberazzjoni tal-imputat mill-ewwel erba' imputazzjonijiet."*  Bid-dovut rispett lejn id-difiza, din is-sottomissjoni la taghmel sens fattwali u wisq inqas legali, stante li l-imputat mhux mixli li kiser xi kundizzjoni imposta fuqu permezz ta' sentenza.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

43. Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina raffrettarja tal-imputat, fejn ghandu mhux inqas tlieta u ghoxrin (23) kundanna minn dawn il-Qrati, li jinkludu numru ta' kundanni ghal pussess semplici tad-droga, pussess aggravat tad-droga u anke traffikar tad-droga, numru ta' kundanni ghal serq ikkwalifikat, gieli anke bil-vjolenza, aggressjoni fuq membri tal-Pulizija, li kkaguna feriti ta' natura gravi, frodi u ksur tal-ligijiet tas-sewqan.

44. Huwa inghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati biex jirriforma ruhu permezz ta' ordnijiet ta' probation, kif ukoll inghata diversi sentenzi karcerarji effettivi. Pero jidher li l-imputat baqa' ma tghallem xejn u ghadu jippersisti li jibqa' jghix fil-hajja ta' kriminalita li sfortunatament qabad snin twal ilu.

45. Jirrizulta mill-provi li l-imputat ghandu problema ta' tossiko-dipendenza tant li fis-sena 1995, huwa kien gia instab hati tal-imputazzjoni ta' pussess semplici tad-droga eroina. B'digriet tas-16 ta' April 2019, il-Qorti Kriminali akkordat lill-imputat il-helsien mill-arrest f'dawn il-proceduri, pero wahda mill-kondizzjonijiet kienet li jirrisjedi gewwa facilita kontra l-abbuz tad-droga u li ma jitlaqx mill-komunita li jaghzel fejn jirrisjedi biex jindirizza l-problema ta' abbuz ta' droga, qabel ma jsipicca l-kors kollu.[22] Dan id-digriet gie varjat mill-Qorti Kriminali b'digriet tat-8 ta' Mejju 2019, fejn din il-kundizzjoni giet sostitwita bil-kondizzjoni li jirrisjedi gewwa r-residenza tieghu, pero il-Qorti ordnat il-hrug ta' ordni provizzorja ta' supervizjoni u ordnat lill-imputat isegwi d-direttivi tal-Ufficjal tal-Probation, b'mod ewlieni dawk marbuta mal-kura li ghandu jiehu ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

46. Mix-xhieda u mir-rapporti tal-Ufficjal tal-Probation li kienet qed issegwi lill-imputat taht din l-Ordni Provizzorja ta' Supervizjoni, jirrizulta ampjament li l-imputat repetitutament ma' ikkoperax mal-Ufficjal tal-Probation, lanqas ghal dak li jirrigwarda li sempliciment jattendi s-seduti li kienu skedati maghha, u wisq inqas beda xi forma ta' pjan ta' kura ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. Il-hajja tal-imputat ghal dawn l-ahhar sitta u ghoxrin (26) sena, ma thalli l-ebda dubbju f'mohh din il-Qorti li l-imputat

[22] Ara fol. 131 tal-process.

m'hux kapaci jibda u jsegwi l-programm ta' riabbilitazzjoni jekk m'hux f'ambjent konfinat u kontrollat, bhalma hija l-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Jehtieg jekk verament l-imputat irid jindirizza il-vizzju tieghu ta' abbuz ta' droga li bl-ghajnuna tal-professjonisti li hemm gewwa l-habs isir pjan ta' kura bil-ghan li l-istess imputat jista' jikseb il-frott mixtieq minn kulhadd, fl-interess tieghu kif ukoll fl-interess tas-socjeta.

47. In vista li l-imputat instab hati li hu recidiv taht l-Artikolu 289 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti hija tal-opinjoni li tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, il-piena ghandha tizdied b'zewg gradi.

**Konkluzjoni**

48. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. wara li rat l-Artikoli 261(c) u (g), 267, 271(g), 279(b), 280(1), 279(a), 284, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta elenkati fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tas-26 ta' Lulju 2019, issib lill-imputat hati tar-reati kontemplati f'dawn l-Artikoli, pero fir-rigward tal-Artikolu 284 issibu hati bhala awtur fis-serqa tal-25 ta' Frar 2019 imsemmija fit-tielet imputazzjoni, u bhala komplici ai termini tal-Artikolu 42(c) u (d) tal-Kapitolu 9 fis-serqa tal-20 ta' Frar 2019 imsemmija fir-raba' imputazzjoni dedotti kontra tieghu. Konsegwentement il-Qorti issib lill-imputat hati wkoll tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni, u tal-addebitu tar-recidiva kif dedotti kontra tieghu.

2. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti tikkundanna lill-imputat ghall-piena karcerarja ta' sitt (6) snin, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

3. Tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghal dan il-fini ir-Registratur ghandu jikkomunika minnufih lill-hati l-ammont hekk dovut. Jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu malli issir il-komunika lilu mir-

Registratur, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

4. Ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta, rez applikabbli ghal dawn il-proceduri bl-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lil hati biex ihallas lill-persuni minnu derubati l-ammonti hawn taht indikati rapprezentanti l-ammont misruq, u cioe:

(a) lil Wayne Scott Schembri is-somma ta' tlett elef u hames mitt Euro (€3,500);

(b) lis-socjeta Chain Supermarket (Tarxien) Ltd is-somma ta' hames mija u sbatax-il Euro (€517);

(c) lil Zeng Chun Lian is-somma ta' mija u sitta u sebghin Euro (€176).

Dan l-ordni ghandu jikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

5. In oltre, ai termini tal-Artikolu 23(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna il-konfiska a favur tal-Gvern ta' Malta tal-vettura tal-ghamla Peugeot 206 bin-numru ta' registrazzjoni DBG – 314.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**